

Brussell, 5 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6750/21
ADD 3

SOC 119
EMPL 82
GENDER 13
ANTIDISCRIM 7

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 42 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 42 final.

Mehmuż: SWD(2021) 42 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.3.2021
SWD(2021) 42 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar

{COM(2021) 93 final} - {SEC(2021) 101 final} - {SWD(2021) 41 final}

Skeda tas-sommarju eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt għal proposta dwar it-tisħiħ tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-irġiel u n-nisa permezz tat-trasparenza
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
L-implimentazzjoni effettiva tad-dritt fundamentali għal paga ugwali bejn in-nisa u l-irġiel għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali, kif stabbilit fl-Artikolu 157 tat-TFUE, tibqa' sfida ewlenija fl-UE. Id-diskriminazzjoni fil-pagi individwali u l-preġudizzju sistemiku fl-istrutturi tal-pagi huma biss waħda mill-kawżi ta' bażi tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, minbarra kawżi oħra bħas-segregazzjoni orizzontali u vertikali. Id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa takkumula u tibqa' fil-livell ta' 14 % fl-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali. Din hija problema kemm fil-livell tal-ħaddiema kif ukoll tal-impjegaturi. In-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' dan id-dritt fundamentali jaffettwa l-indipendenza ekonomika tan-nisa matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom u wara. Din hija wkoll problema għat-tħaddim effiċjenti tas-suq tax-xogħol u għall-kompetizzjoni fis-suq intern. L-aspettattivi dwar il-qliġh prospettiv jistgħu jikkawżaw distorsjoni fl-għażla tal-impjegi tan-nisa, id-deċiżjonijiet dwar il-ħinijiet tax-xogħol u x-xejriet tal-karriera, u għalhekk joħolqu riskju ċar ta' telf ta' produttività fl-ekonomija iġġenerali minħabba l-parteċipazzjoni subottimali tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Għal min iħaddem, dan l-użu ineffiċjenti tar-riżorsi jfisser telf ta' produttività u spejjeż moħbija. Fl-aħħar nett, id-diverġenzi fit-trattament tan-nisa u l-irġiel fir-rigward tal-paga jista' jkollhom ukoll impatt fuq il-kompetittività tal-impjegaturi sal-punt li l-impjegaturi mhux konformi mal-prinċipju ta' paga ugwali, possibilmment bl-applikazzjoni ta' regoli diverġenti bejn il-pajjiżi, jistgħu jibbenefikaw minn vantaġġ inġust (u illegali). Id-diskriminazzjoni fil-pagi individwali u l-preġudizzju bejn il-ġeneri fil-mekkaniżmi li jiffissaw il-pagi u kif jiġi apprezzat ix-xogħol tan-nisa jistgħu jsiru possibbli permezz ta': - nuqqas ta' trasparenza fil-pagi fil-livell tal-ħaddiem u l-impjegatur individwali; - applikazzjoni defiċjenti tal-kunċetti ta' "paga" u "xogħol ta' valur ugwali"; kif ukoll - aċċess inadegwat għall-ġustizzja minħabba ostakli proċedurali u rimedji insuffiċjenti għall-vittmi. In-nuqqas ta' trasparenza fil-pagi jimpedixxi lill-ħaddiema milli jivvalutaw jekk id-dritt tagħhom għal trattament ugwali fir-rigward tal-paga huwiex qed jiġi rispettat; dan jaħbi wkoll is-sottovalutazzjoni tax-xogħol tan-nisa minħabba preġudizzju (ta' spiss inkonxju) fl-istrutturi tal-pagi. Il-problemi bl-applikazzjoni xierqa ta' kunċetti ewlenin fil-valutazzjoni ta' "paga" ugwali għal xogħol ugwali jew "xogħol ta' valur ugwali" jikkumplikaw l-implimentazzjoni tad-dritt għal paga ugwali kemm għall-ħaddiema kif ukoll għal min iħaddem. L-aċċess insuffiċjenti għall-ġustizzja, flimkien mal-biża' tal-ħaddiema li jiġu vvittimizzati, jagħmlu l-infurzar tad-dritt tagħhom għal paga ugwali saħansitra aktar diffiċli.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
L-oġettiv ġenerali huwa li jittejjbu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, kif irregolat fl-Artikolu 157 TFUE u d-Direttiva 2006/54/KE. L-għanijiet speċifiċi tal-inizjattiva huma li: il-ħaddiema jingħataw is-setgħa li jinfurzaw b'mod sħiħ id-dritt tagħhom għal paga ugwali – u b'hekk jinkixfu każijiet ta' diskriminazzjoni fil-pagi permezz tat-trasparenza u billi l-ħaddiema jingħataw l-informazzjoni u l-għodod meħtieġa biex jaġixxu dwar dan; kif ukoll tiġi indirizzata s-sottovalutazzjoni sistemika tax-xogħol tan-nisa fil-livell tal-impjegatur permezz tat-trasparenza u l-korrezzjoni tal-preġudizzji fil-mekkaniżmi tal-iffissar tal-pagi li jipperpetwaw is-sottovalutazzjoni tax-xogħol imwettaq min-nisa. Dawn iż-żewġ oġettivi jistgħu jiġu appoġġati billi jiġu indirizzati d-diffikultajiet li jaffettwaw l-applikazzjoni tal-kunċetti legali ewlenin relatati mal-paga ugwali, u l-aċċess għall-ġustizzja.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (is-sussidjarjetà)?

Azzjoni fil-livell tal-UE tiżgura ugwaljanza fil-pagi effettiva bejn l-irġiel u n-nisa u tippermetti liċ-ċittadini kollha jitolbu d-drittijiet tagħhom abbażi ta' standards minimi applikabbli fl-Istati Membri kollha. Dan joħloq mhux biss standards minimi armonizzati li jipproteġu lill-ħaddiema, iżda wkoll kundizzjonijiet tas-suq ugwali għall-impjegaturi li joperaw fis-suq intern, u b'hekk tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta. Huwa biss approċċ koerenti u komprensiv fl-UE kollha li jista' jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-Istati Membri kollha u jipprevjeni lil min iħaddem milli jfittex vantaġġi kompetittivi inġusti permezz ta' diskriminazzjoni fil-pagi. Fl-aħħar nett, l-azzjoni tal-UE hija meħtieġa skont it-Trattat u tirrispetta prinċipju fundamentali u dritt għal trattament ugwali li huwa minqas fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Kif intwera fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-2020 tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti tal-UE dwar paga ugwali, sforzi komparabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza fil-pagi fl-UE kollha x'aktarx li ma jseħħux mingħajr spinta permezz ta' strument fil-livell tal-UE.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma l-alternattivi biex jintlaħqu l-għanijiet? Hemm xi alternattiva ppreferuta? Jekk le, għaliex?

Ġew ikkunsidrati l-għażliet ta' politika li ġejjin:

għażla 0 — status quo;

għażla 1 — azzjoni leġislattiva biex tiġi żgurata t-trasparenza fil-livell tal-ħaddiema. Din tinkludi t-trasparenza tal-informazzjoni dwar is-salarji qabel u matul l-impjieg, abbażi ta':

l-għoti proattiv ta' informazzjoni mill-impjegaturi (subalternattiva 1A); jew

talba mill-ħaddiema, ir-rappreżentanti tagħhom jew il-korpi tal-ugwaljanza (subalternattiva 1B);

għażla 2 — azzjoni leġislattiva biex tiġi żgurata t-trasparenza fil-livell tal-ħaddiema. Dan jinkludi erba' subalternattivi bi gradi differenti ta' ambizzjoni:-

Subalternattiva 2A – ċertifikazzjoni ta' paga ugwali;

Subalternattiva 2B – valutazzjoni konġunta tal-pagi mill-impjegaturi u mir-rappreżentanti tal-ħaddiema;

Subalternattiva 2C – rappurtar dwar il-pagi flimkien ma' valutazzjoni konġunta tal-pagi; kif ukoll

Subalternattiva 2D – rappurtar imsaħħaħ dwar il-pagi u valutazzjoni konġunta tal-pagi fejn hemm indikazzjonijiet statistikament rilevanti ta' inugwaljanzi fil-pagi bejn il-ġeneri; kif ukoll

għażla 3 — azzjoni leġislattiva biex tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-qafas legali eżistenti (mingħajr trasparenza fil-pagi). Din tinkludi kjarifika tal-kunċetti ewlenin eżistenti ta' "paga" u "xogħol ta' valur ugwali", aċċess imtejjeb għall-ġustizzja u mekkaniżmi ta' infurzar imtejjba.

Il-pakkett preferut huwa taħlita tas-**subalternattiva 1B** (l-abilitazzjoni tal-ħaddiema permezz ta' informazzjoni dwar is-salarji qabel l-impjieg u d-dritt li tintalab informazzjoni matul l-impjieg), **is-subalternattiva 2D** (rappurtar imsaħħaħ tal-pagi u, fil-każ ta' indikazzjonijiet statistikament rilevanti tal-inugwaljanzi tal-pagi, valutazzjoni konġunta tal-pagi u **l-għażla 3** f'inizjattiva waħda ġdida. Din hija l-aktar soluzzjoni proporzjonata u mmirata: hija tilħaq l-oġettivi ġenerali u speċifiċi, u tibbilanċja l-effettività u l-effiċjenza filwaqt li tqis in-nuqqas ta' data fattwali dwar l-iskala tal-problema u t-tnaqqis attwali fir-ritmu ekonomiku li jirriżulta mill-pandemija tal-COVID 19.

Is-sett previst ta' miżuri leġislattivi għandu l-għan li joħloq trasparenza dwar il-pagi u l-istrutturi tal-pagi, jagħti s-setgħa lill-ħaddiema u jindirizza s-sottovalutazzjoni sistematika tax-xogħol tan-nisa. Huwa se jiżgura d-dritt tal-ħaddiema li jkollhom aċċess għall-informazzjoni li jeħtieġu biex jivvalutaw jekk jistgħux ikunu l-vittmi ta' diskriminazzjoni fil-pagi abbażi tal-ġeneru. Se jippermetti wkoll lill-impjegaturi jidentifikaw u jaġixxu fuq id-diskriminazzjoni u l-preġudizzju fl-istrutturi tal-pagi. L-għażla leġislattiva tinvolvi eżenzjonijiet sabiex jiġi bbilanċjat id-dritt għal paga ugwali mal-piż u l-ispiża possibbli tad-diversi miżuri, u biex il-miżuri jiġu mmirati lejn fejn huma l-aktar meħtieġa. L-impjegaturi b'inqas minn 250

impjegat ma jkunux obbligati b'mod proattiv li jipprovdulhom informazzjoni peridjika dwar il-pagi jew li jirrapportaw dwar il-pagi; u lanqas li jwettqu valutazzjonijiet konġunti tal-pagi. F'entitajiet b'hal dawn, id-drittijiet tal-ħaddiema jkunu protetti mid-dritt li tintalab l-informazzjoni rilevanti dwar il-pagi, flimkien ma' treġġiġh lura msaħħa tal-oneru tal-provi u aċċess imtejjeb għall-ġustizzja. Il-pakkett jinvolvi wkoll applikazzjoni aħjar tal-kunċetti ewlenin relatati mal-paga ugwali.

X'jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Min jappoġġa liema alternattiva?

Saru konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati għal din il-valutazzjoni tal-impatt u għall-evalwazzjoni preċedenti tal-qafas legali tal-UE dwar il-pagi ugwali.

Individwi privati li wieġbu għall-konsultazzjoni esprimew appoġġ ġenerali. Dan huwa konsistenti mal-indikazzjonijiet mill-istħarriġiet tal-opinjoni, eż. Ewrobarometru mwettaq fl-2017.

Il-biċċa l-kbira tal-**impjegaturi** jippreferu jipprijoritizzaw miżuri li jindirizzaw kawżi fundamentali oħra tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. Huma jqisu li din l-inizjattiva hija inqas effettiva għall-fini tat-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u għalhekk għalja iktar milli hemm b'żonn, b'mod partikolari għall-SMEs. L-impjegaturi enfasizzaw id-diffikultajiet fil-valutazzjoni ta' x'jikkostitwixxi xogħol ta' valur ugwali u tħassib dwar il-protezzjoni tad-*data*. Huma rreferew ukoll għall-awtonomija tas-sħab soċjali u għall-ħtieġa li jiġu ppreservati l-għodod eżistenti għar-rappurtar fil-livell nazzjonali.

It-trejdjunjins jappoġġaw l-inizjattiva b'mod ġenerali u jiffavorixxu approċċi saħansitra aktar ambizzjużi, għalkemm xi wħud qajmu dubji dwarha għal raġunijiet ta' sussidjarjetà.

L-Istati Membri għandhom pożizzjonijiet differenti, iżda ħafna minnhom huma favur (b'mod partikolari dawk li diġà introduċew miżuri ta' trasparenza).

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm; inkella ta' dawk ewlenin)?

Lil hinn mill-iskop ewleni li jinfurzaw dritt fundamentali, il-miżuri ta' trasparenza fil-pagi se jiffaċilitaw bidla kulturali fuq kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u se jirriżultaw f'azzjonijiet ta' politika ffukati u mmirati aħjar f'dan il-qasam. *Għall-ħaddiema*, it-trasparenza fil-pagi ttejjeb is-sodisfazzjon u l-involvement fix-xogħol. Tqajjem kuxjenza u tagħti s-setgħa lill-ħaddiema, speċjalment lin-nisa, biex ifittxu rimedju għal differenzi mhux ġustifikati fil-pagi fil-livell individwali u preġudizzju bejn il-ġeneri fl-issettjar tal-pagi u fl-evalwazzjoni tal-impjegi. *Għall-impjegaturi*, l-implimentazzjoni tat-trasparenza fil-pagi tissarraf f'żamma ogħla tal-impjegati, u żieda fl-attrazzjoni u fil-profittabbiltà. *Is-soċjetà kollha kemm hi* se tibbenefika minn livell ogħla ta' ugwaljanza u (importanti wkoll) minn perċezzjoni akbar ta' ugwaljanza. Ugwaljanza akbar fil-paga ttejjeb l-allokazzjoni u l-użu tar-riżorsi, tnaqqas l-inugwaljanza u tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli. B'mod ġenerali, il-miżuri ta' trasparenza fil-pagi jistgħu jwasslu għal bidla sinifikanti fl-imġiba. L-iskala tal-benefiċċji se tiddependi fuq il-livell ta' konformità mal-leġiżlazzjoni u l-firxa tal-miżuri ta' segwitu tal-impjegaturi.

L-impatt potenzjali tal-pakkett ta' miżuri ġie stmat ipotetikament li jinvolvi tnaqqis globali ta' **tliet punti perċentwali fil-parti mhux spjegata tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa**. Dan iwassal għal **tnaqqis fir-rata ta' "f'riskju ta' faqar"** fl-UE minn medja ta' 16,3 % għal madwar 14,6 %, b'varjazzjoni sinifikanti bejn il-pajjiżi u t-tipi ta' unitajiet domestiċi. Min-naħa tiegħu, dan iwassal għal żieda globali ta' 6,9 % fil-qliġ totali u tnaqqis globali tal-inugwaljanza kemm tas-suq kif ukoll tal-introjt disponibbli. Ir-rata tal-faqar titnaqqas l-aktar għall-**familji b' ġenitur wieħed, li minnhom 85 % huma nisa**. Hemm ukoll **impatti pożittivi fuq il-baġits nazzjonali**: id-dħul tal-gvern mit-taxxi diretti u mill-kontribuzzjonijiet soċjali jiżdied b'madwar 7,5 %, filwaqt li t-trasferimenti soċjali (benefiċċji fi flus) jonqsu, prinċipalment minħabba tnaqqis fil-benefiċċji skont eżami tal-mezzi, b'madwar 0,4 %.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm; inkella ta' dawk ewlenin)?

L-ispejjeż **amministrattivi** tal-Istati Membri (għat-**traspożizzjoni u l-infurzar**) huma mistennija li jkunu limitati, kif inhuma mistennija li jkunu wkoll l-ispejjeż marbuta mal-monitoraġġ tal-konformità.

Il-pakkett ikun jinvolvi spejjeż ta' **konformità** ta' darba għall-impjegaturi (li mistennija jvarjaw minn baxxi għal moderati) u spejjeż rikorrenti aktar baxxi. L-ispejjeż totali għal kull impjegatur ġew stmati fuq il-bażi li ġejja:

- l-għoti ta' informazzjoni dwar il-pagi qabel ir-reklutaġġ – EUR 0;

– tweġiba għal talba individwali għal informazzjoni dwar il-pagi – EUR 20 (indikattiv – għal kull daqs ta' kumpaniji); – rappurtar obbligatorju dwar il-medja tad-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri skont il-kategorija tal-ħaddiema – EUR 379-508 sa EUR 721-890 (għal kumpaniji b' 250+ impjegat); kif ukoll – it-twettiq ta' valutazzjoni addizzjonali (jekk meħtieġ - għal kumpaniji b' 250+ impjegat, fejn ir-rappurtar dwar il-pagi jindivdwa diskrepanza fil-pagi statistikament sinifikanti) – EUR 1 180-1 724 sa EUR 1 911-2 266 għal kull impjegatur (li huwa mistenni li jonqos fi kwalunkwe eżerċizzju sussegwenti). L-ispiża totali għall-UE tkun ta' EUR 26-50 miljun għar-rappurtar tal-pagi, flimkien ma' kwalunkwe spejjeż addizzjonali għall-possibbiltà ta' valutazzjoni konġunta tal-pagi u talbiet għal informazzjoni dwar il-pagi, it-tnejn li huma skont l-iskala tad-diskriminazzjoni fil-pagi.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività? L-impjegaturi b'inqas minn 250 impjegat huma eżentati milli jipprovdu b'mod proattiv lill-ħaddiema b'informazzjoni dwar il-pagi, milli jirrappurtaw dwar id-differenzi fil-pagi u milli jwettqu valutazzjoni konġunta kundizzjonali tal-pagi. Il-miżuri ta' rappurtar u valutazzjoni tal-pagi japplikaw għal 0,2 % tal-kumpaniji tal-UE (li jammontaw għal 33 % tal-forza tax-xogħol tal-UE). Madankollu, il-ħaddiema kollha jkollhom id-dritt li jitolbu informazzjoni speċifika dwar il-pagi u l-impjegaturi kollha jkunu obbligati jipprovduha. Din l-inizjattiva tikkonċerna primarjament l-implimentazzjoni ta' dritt fundamentali tal-UE (id-dritt għal paga ugwali). Flimkien mal-oġġettivi soċjali tal-UE, dawn l-għanijiet jieħdu preċedenza fuq id-dimensjoni ekonomika tad-dritt għal paga ugwali¹. Huwa biss approċċ koerenti u komprensiv fl-UE kollha li jista' jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-Istati Membri kollha u jipprevjeni lil min iħaddem milli jfittex vantaġġi kompetittivi inġusti permezz ta' diskriminazzjoni fil-pagi.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? L-għażla ppreferuta hija mistennija li jkollha spejjeż ta' implimentazzjoni limitati b'mod ġenerali u b'mod partikolari għall-amministrazzjonijiet nazzjonali. L-ispejjeż jistgħu jvarjaw, skont l-appoġġ li l-Istati Membri jagħżlu li jagħmlu disponibbli, fuq bażi volontarja, għall-impjegaturi (eż. infrastrutturi tal-IT iddedikati, sostituzzjoni tar-rappurtar dwar il-pagi b'rappurtar ibbażat fuq <i>data</i> amministrattiva, gwida u taħriġ dwar sistemi ta' evalwazzjoni u klassifikazzjoni tax-xogħol newtrali għall-ġeneru). Fl-istess ħin, huma mistennija impatti pożittivi għalkemm mhuwiex possibbli li tiġi pprovduta stima ġenerali affidabbli. Pagi oġġla għan-nisa (li jiddependu fuq l-ammont ta' diskriminazzjoni fil-pagi kkoreġut bħala riżultat ta' din il-proposta) jistgħu jwasslu għal żieda fid-dħul tal-gvern (ġbir oġġla ta' taxxi fuq id-dħul u ta' kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali). Min-naħa l-oħra, il-gwadanji fil-pagi medji għan-nisa jistgħu jiġu kkompensati minn tkabbir aktar bil-mod tas-salarji tal-irġiel b'effett ġenerali indeterminat. Sal-punt li dawn il-bidliet japplikaw aktar għall-ħaddiema bi ħlas aktar baxx jista' jkun hemm ukoll tnaqqis fit-trasferimenti soċjali (fi flus), prinċipalment minħabba tnaqqis ta' benefiċċji fi flus skont eżami tal-mezzi (ara t-taqsima hawn fuq dwar il-benefiċċji).
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra? Ma nstabu l-ebda impatti ambjentali potenzjali.
Il-proporzjonalità? Il-prinċipju tal-proporzjonalità huwa rispettat b'mod sħiħ, peress li l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri jvarja skont id-daqs tal-impjegatur, u b'hekk jiġu evitati spejjeż u piżijiet eċċessivi filwaqt li jitħarsu d-drittijiet bażiċi tal-ħaddiema. Il-proposta tqis in-nuqqas ta' <i>data</i> soda dwar id-diskriminazzjoni fil-pagi u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19. L-intervent maħsub huwa l-minimu meħtieġ biex jiġi infurzat b'mod effettiv il-prinċipju tal-paga ugwali fl-Istati Membri kollha.
D. Segwitu

¹ Il-Kawża 50/96, *Deutsche Telekom AG v Lilli Schröder*, ECLI:EU:C:2000:72, p. 57.

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Il-Kummissjoni biĥsiebha tirrieżamina l-implimentazzjoni tal-inizjattiva biex tivvaluta sa liema punt intlaħqu l-oġġettivi ta' politika. Din l-**evalwazzjoni** jenħtieġ li ssir **tmien snin** wara l-iskadenza għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, possibbilment f'koordinazzjoni mar-rilaxx tad-*data* dwar id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa (SES²), sabiex tiġi ffaċilitata valutazzjoni sinifikanti tal-prattiki u l-impatti fl-Istati Membri kollha.

² Stħarriġ dwar l-Istruttura tal-Qligħ.